9 Leġiżlatura

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 26, miżmuma nhar il-Ħamis 10 ta'Diċembru 2020 fil-5.30 ta' fil-għaxija, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

Mariella Strout 04 ta' Diċembru, 2020

Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima Sindku
- Daryl Connor Viċi Sindku
- Graziella Galea Kunsillier
- Mario Joseph Salerno Kunsillier
- Anthony Delia Kunsillier
- Alfred Bray Kunsillier
- Paul Bugeja Kunsillier
- Anthony Angelo Attard Kunsillier
- Antoinette Bezzina Kunsillier
- Christopher Vella Petroni Kunsillier

Skużati:

- Anne Marie Fenech Kunsillier
- Alfred Bray Kunsillier
- Carlos Zarb Kunsillier

**26.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-Kunsill rċieva ittra ta' apoloġija mingħand il-Kunsillier Anne Marie Fenech, Alfred Bray u Carlos Zarb

**26.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħat Numri ( 25 )**

**Paġna 2, 25.2 Paġna 5** Kuntratt MTA wara l-kelma "kjarifika" jiżdied " dwar pussess ta' art fil-viċinanzi".

**Paġna 2, 23.6.1 Paġna 8** – wara l-kelma "vot" jiżdied "ġew ippreżentati żewġ dikjarazzjonijiet" u tinqata "ġiet ippreżentata dikjarazzjoni"

**Paġna 2, 23.6.1 Paġna 8** – jiżdied l-isem "Anthony Attard"mal-lista ta' l-ismijiet tad-dikjarazzjonijiet.

**Paġna 2, 23.6.1 Paġna 8** – wara l-kelma "vot" jiżdied "dwar iż-żewġ rapporti"

**Paġna 2, 23.6.1 Paġna 8** – wara l-kelma accettata" jiżdied " ittieħed vot fuq din l-emenda

Favur: Sindku Alfred Grima, Vici Sindku Daryl Connor, Kunsillieri Carlos Zarb, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Alfred Bray

Kontra : Kunsilliera Graziella Galea, Antointte Bezzina, Anthony Attard

Astenzjonijiet: Anthony Delia

**Paġna 2, 23.6.3 Paġna 9** – tinqata l-kelma "intervisti" u minflok tinkiteb"interviews"

**Paġna 2, 23.6.10 Paġna 10** – tinqata l-kelma "lill-kunsill" u minflok tinkiteb"lis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv"

Favur: Kunsilliera Graziella Galea, Antointte Bezzina, Anthony Attard

Kontra Sindku Alfred Grima, Vici Sindku Daryl Connor, Kunsillieri Carlos Zarb, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Anthony Delia Alfred Bray.

**Paġna 2 (23.6.11) Paġna 11** – tinqata l-kelma "Il" u minflok tinkiteb"Xi"

**Paġna 3 (25.3)** – tinqata l-kelma "4999/19" u minflok tinkiteb"7499/19"

**Paġna 4 - Rapport ta' Intervisti** – Operative Hand (2) Nipproponi li jitħassru l-aħħar żewġ sentenzi segwenti.

**Paġna 8 Item 25.6-** Bejn il-kelma "dawn" u "il-kwotazzjonijiet" tiżdied "is-sejħiet għal"

**Item 25.11.3 Pagamenti Pendenti-** Fid-dokument mehmuz taħt pagament ta' Bonnici Brothers jiżdied l-isem Alfred Bray mal-vot kontra



Sindku–Mayor: Alfred Grima
Viċi Sindku-Deputy Mayor: Daryl Connor
Kunsilliera– Councillors : Graziella Galea, Anne Marie Fenech, Carlos Zarb, Mario Joseph Salerno, Anthony Delia, Alfred Bray, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Anthony Angelo Attard, Christopher Vella Petroni, Antoinette Bezzina.
Segretarju Eżekuttiv–Mariella Strout

**Pagament ta' B.Grima & Sons** jinqataw il-kliem "hemm works oder" u minflok jiddaħħlu "ma jinqabis l-limitu tad-direct order"
Minuti 25 – Ġew approvati kif emendati

**26.3 Punti mill-minuti**

Il-Kunsill ġie nfurmat illi inġibdet l-attenzjoni li l-item "Punti mill-Minuti" magħdux jifforma bħala parti mit- *template* ta' l-Agenda.

**26.4 Kommunikazjoni**

**Siti ta' parkeġġ**

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-avukat tal-Kunsill, bagħt il-parir legali tiegħu dwar siti madwar il-lokalita biex dawn jittnadfu u possibilment isiru parkeġġi temporanji skond dak deċiz mill-Kunsill. Ix-xenarji segwenti ġew preżentati lill-Kunsill.

1. Jekk il-Kunsill se jkun qed jikri din l-art biex jsir parkeġġ u min se juża dan il-parkeġġ jiġifieri min se jidħol bil-vettura se jkollu jħallas miżata. Irid isir s-segwenti:
a) Expression of Interest dettaljata b'dak li jixtieq il-Kunsill.
b) Bye Law li tirregola d-dħul minn dan il-parkeġġ.

2. Jekk il-Kunsill jrid jikri din l-art biex jsir parkeġġ li se jkun mingħajr ħlas irid isir is-segwenti:
a) Expression of Interest

3) Jekk il-kunsill irid jikri din l-art u se jkun qed jiġġestiha terza persuna jew kumpanija u se jkun hemm xi ntrojtu għaż-żewġ partijiet, jeħtieg isir is-segwenti:
a) Public Private Partnership.
Il-Kunsill id-diskutta il- parir mogħija mil-avukat.


Sindku–Mayor: Alfred Grima
Viċi Sindku-Deputy Mayor: Daryl Connor
Kunsilliera– Councillors : Graziella Galea, Anne Marie Fenech, Carlos Zarb, Mario Joseph Salerno, Anthony Delia, Alfred Bray, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Anthony Angelo Attard, Christopher Vella Petroni, Antoinette Bezzina.
Segretarju Eżekuttiv–Mariella Strout

Kien hemm qbil illi tintbagħt korrespondenza lill-Kunsilli kollha sabiex jiġi mistoqsi jekk juzawx l-istess sistema ta' parkeġġ fuq artijiet privati. Il-Kunsill qabel ukoll li jsir market research fuq kemm jiswew il-magni li jintuzaw fil-parkeġġi

**Imtarfa Drama Group**

Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-NGO Imtarfa Drama Group biex flimkien mal-kunsill jiġu organiżżati 4 workshops bil-għan li tħajjar żgħażagħ jipparteċipaw f'tagħlim dwar il-wirt u l-kultura ta' pajjiżna.

Il-Kunsill approva.

**Applikazzjoni LC CARE 2020**

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni tal-Kunsill għal l-iskema LC CARE 2020 intlaqet u sar l-iffirmar tad-dokumenti neċessarji.

**Pedestrian Crossing Triq Toni Bajjada**

Il-Kunsill kien approva li ssir Pedestrian Crossing fi triq Toni Bajjada. Biex isir dan jeħtieġ li tiġi eliminata un/loading bay eżistenti fejn sid ta' l-uniku ħanut li hemm fl-akkwati oġġezzjona li titneġġa l-un/loading bay. L-istess korrispondenza li bagħt sid il-ħanut tindika, li l-un/loading bay kellha ssir f'żona li taqdi l-ħtiġijiet ta' mill-anqas 6 ħwienet. Il-fatt li dan mhux il-każ u li fi triq hemm ħanut wieħed biss, qiegħed nipproponi li l-kunsill japprova li l-unloading bay tagħmel wisgħa għal pedestrian crossing li hi tant meħtieġa.

Il-kunsill approva.

**Ċirkulari Numru *SPI/SCI/7*/2020 – Smart Solutions**

Tressqet għall-attenzjoni tal-kunsill Ċirkulari Numru *SPI/SCI/7*/2020 Espressjoni ta' Interess - 'Smart Solutions' għall-Immaniġġjar tal-Iskart, fejn il-kunsill jista jibbenifika minn fondi finanzjarji jekk tinstab xi soluzzjoni nnovattiva. Is-Sindku Alfred Grima informa li flimkien mal-Kunsillier Mario Salerno iltaqa Ing. Borg dwar proposta li taf tkun ta' interess għar Regjun.



Sindku–Mayor: Alfred Grima
Viċi Sindku-Deputy Mayor: Daryl Connor
Kunsilliera– Councillors : Graziella Galea, Anne Marie Fenech, Carlos Zarb, Mario Joseph Salerno, Anthony Delia, Alfred Bray, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Anthony Angelo Attard, Christopher Vella Petroni, Antoinette Bezzina.
Segretarju Eżekuttiv–Mariella Strout

Il-Kunsill qabel li min għandu nformazzjoni dwar Smart Solutions jagħdija u sir laqgħa sabiex tiġi diskussa din il-proposta u tiġi applikata għal iskema.

**Zebra Crossing Triq it-Torri**

Tressqet rikjesta mill-Kappilan ta' San Pawl il-Baħar biex zebra crossing li tinstab fi Triq it-Torri u li kienet saret quddiem garaxx tigi spustjata biex dan jibda jintuża għal ipparkjar ta' vetturi. Il-kunsill approva li z-zebra crossing titneħħa.

**Attivita għal zmien il-Milied**

Tressqet proposta mill-kumitat ta' l-attivitajiet sabiex issir attivita minn banda speċjalizżata iddur (vintage bus) ma toroq.
Il-kunsill ma sabx qbil dwar il-proposta.

**European mobility week**

Il-kunsill ġie nfurmat li l-applikazzjoni tal-kunsill ma ntaghzlitx.

**<u>Punt 26.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera</u>**

Il-Kunsillier Chris Vella Petroni staqsa lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv il-mistoqsijiet segwenti;

1. Ir-Reġjun Tramuntana kien offra 2 live cams biex jitwaħħu fil- lokalita ta' San Pawl il-Baħar; hemm xi risposta dwarhom? Risposta: Sa fejn huwa magħrraf il-kunsill, kien hemm xi ntoppi fil-ħrug tas-sejħa pubblika mir-Reġjun.

2. Re-Bus Shelters, il-kunsill għandu idea meta se dawn se jitwaħħlu peress li issa bdiet ix-xitwa?
Risposta: Kif diga ntqal, it-twaħħil tal-bus shelters jaqa totalment taħt ir-risponsabilita tal-kuntrattur u mhux il-kunsilli. Għalhekk, se jintbagħat reminder ieħor lill-kuntrattur.



Sindku–Mayor: Alfred Grima
Viċi Sindku-Deputy Mayor: Daryl Connor
Kunsilliera– Councillors : Graziella Galea, Anne Marie Fenech, Carlos Zarb, Mario Joseph Salerno, Anthony Delia, Alfred Bray, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Anthony Angelo Attard, Christopher Vella Petroni, Antoinette Bezzina.
Segretarju Eżekuttiv–Mariella Strout

3.Rigward l-art ta fejn il-Bov ta' Buġibba; hemm xi risposta dwara jekk il-kunsill jistax juża għall-parkeġġ residenzjali?
Risposta: Il-parir ta' l-avukat wasal fid-9 ta' Dicembru, 2020 u se jinġieb għall-attenzjoni tal-kunsill illum waqt il-laqgħa pubblika.

4.Rigward l-art ta' fejn kien hemm il-Mini Golf fi triq it-Trunċiera din ġiet f'idejn il-Kunsill ?
Risposta: Il-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda risposta u għalhekk se jintbagħt reminder ieħor mill-kunsill.

**26.6 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti**

26.6.1 Rapport ingaġġ ta' żewġ impjegati "Operative Hand"
Il-kunsill approva r-rapport hekk kif imressaq kif ukoll li jiġu mpjegati dawk l-applikanti skond il-marki li ġabu f'każ li xi wieħed minn dawk magħżula ma jaċċettax/jitlaq mill-impjieg.

**26.6.2 Rapport Tweġiba għal Management Letter**

Ġiet moqrija il-Management Letter mill-Accountant tal-Kunsill. Din kienet tinkludi ukoll tweġibiet proposti fuq punti li rimarkaw l-awdituri
Il-Kunsill approva r-rapport bid-diversi emendi mressqa.

**26.7 Applikazzjoni għall-bdil ta' tabelli mir-residenti tal-Wardija**

Il-Kunsill ġie nfurmat li grupp ta' residenti ressqu rikjest sabiex iwaħħlu tabelli ta' direzzjoni. Il-Kunsill approva ir-rikjesta sakemm it-tabella 'Welcome' issir bil-Malti 'Merħba'. Il-materjal li jintuza għandu ikun kif ġie mressaq u l-ispiza ser tkun koperta mir-residenti stess.

**26.8 Rikjesta minn AX Holdings biex issir rampa fuq il-bankina pubblika.**

Kien hemm qbil li dan is-suġġett jerġa jitla għad-diskussjoni f'laqgħa oħra.

**26.9 Klejm – Kimberly Edwards**

Il-Kunsill iddiskuta il-klejm mressqa mis-Sna Edwards. Ġie kjarifikat li din kienet it-tieni klejm ta' Sna. Edwards. Fl-ewwel klejm kient approvata mill-Kunsill.



Sindku–Mayor: Alfred Grima
Viċi Sindku-Deputy Mayor: Daryl Connor
Kunsilliera– Councillors : Graziella Galea, Anne Marie Fenech, Carlos Zarb, Mario Joseph Salerno, Anthony Delia, Alfred Bray, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Anthony Angelo Attard, Christopher Vella Petroni, Antoinette Bezzina.
Segretarju Eżekuttiv–Mariella Strout

Ittieħed vot favur li l-klejm jiġi milqugħ u mħallas.

Favur: Viċi Sindku Daryl Connor, Kunsillier Graziella Galea, Paul Bugeja, Anthony Delia, Mario Salerno, Antoinette Bezzina,Anthony Angelo Attard u Stephen Cremona

Astensjonijiet: Sindku Alfred Grima u Kunsillier Chris Vella Petroni

Kontra: Ħadt

Il-Kunsill approva.

**26.10 Item: Proposta twaqqif ta' grupp volontarju**

Kien hemm qbil li dan is-suġġett jerġa jitla għad-diskussjoni f'laqgħa oħra.

**26.11 Skeda ta' pagamenti/Xiri ta' Prodotti**

Approvazzjoni ta' skeda ta' pagamenti

Tressqet dikjarazzjoni min Kunsillier Graziella Galea, Anthony Angelo Attard, Antionette Bezzina u Chris Vella Petroni fejn ġie id-dikjarat li kienu qedin jastjenu mill-pagament 1024 "Open Gym Flooring" minħabba li ma jsegwiex il-public procurement regulations tal-kunsilli lokali.

Is-Sindku nforma, li l-Kunsill ukoll kien sorpriz li l-ispiza kienet telgħat tant. Il-pjan kien li t-tapit ma jinbidilx kollu izda peress li kien hemm il-periklu ġie deċiz li jinbidel kollu. Għalhekk intalbet l-għajnuna ta' MTA fejn kopriet l-ispiza kollha hi.

Il-kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti.

**Xiri ta' Prodotti**

**Performance invoice for CWSEF 2020.**

Il-kunsill approva l-ħlas ta' invoice ta' bonus tal-ħaddiema CWSEF sena 2020.

**Xiri ta' banners b'messagg ta' tama.**

Il-Kunsill approva x-xiri ta' banners b'messaġġ ta' tama sa massimu ta' €1,000.

**Xiri ta’ servizz għat-tneħħija ta’ ġebel bil-High-Up fil-Wardija**
Il-kunsill approva il-ħruġ ta’ sejħa pubblika.

**Xiri ta' Pjanti/Sigar/Qsari**

Il-kunsill approva il-ħruġ ta’ sejħa għal offerti għal xiri ta’ Pjanti, siġar u qsari. Massimu ta’ €5,000.

**Servizz ta’ Handyman**

Il-kunsill approva l-ħruġ ta’ sejħa pubblika għal xiri ta’ servizz ta’ Handyman b’kuntratt ta’ sena b’sena.

**26.12 Item: Aġġornament għall-laqgħa**

Il-laqgħa ġiet aġġornata għall-Hamis, 7 ta’ Jannar, 2021 fil-5.30pm.

**Tmiem il-laqgħa 20.38**

| | |
|---|---|
| Alfred Grima | Mariella Strout |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |



Sindku–Mayor: Alfred Grima
Viċi Sindku-Deputy Mayor: Daryl Connor
Kunsilliera– Councillors : Graziella Galea, Anne Marie Fenech, Carlos Zarb, Mario Joseph Salerno, Anthony Delia, Alfred Bray, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Anthony Angelo Attard, Christopher Vella Petroni, Antoinette Bezzina.
Segretarju Eżekuttiv–Mariella Strout